MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2011

Numru. 44/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Victoria sive Vicky Ebejer**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputata Victoria sive Vicky Ebejer ta’ 30 sena, bint Henry Ebejer u Josephine nee’ Borg, imwielda l-Pieta’ fl-10 ta’ Frar 1976 u residenti fil-fond numru 78, ‘Tal-Karmnu’, Triq il-Kbira, San Giljan u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 0235976(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

A. Nhar l-20 ta’ Dicembru, 2006, ghal habta ta’ l-10.15 ta’ filghodu, filwaqt li kienet fit-Taqsima tad-Debituri fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, gewwa Rahal Gdid, bi

vjolenza u b'theddid gieghlet lill-gwardjana nisa tal-habs WCO. 15 Karen Gafa' kif ukoll lil WCO. 23 Vincienne Mangion, bhala ufficcjali Pubblici, li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom u dana bi ksur ta' l-artiklu 91 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fit-Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gewwa Rahal Gdid, attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuna tal-gwardjana nisa tal-habs WCO. 15 Karen Gafa' kif ukoll WCO. 23 Vinicenne Mangion, bhala persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu fl-ezekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita' kompetenti u dana bi ksur ta' l-artiklu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet filwaqt li kienet fit-Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gewwa Rahal Gdid, ingurjat jew heddedt jew ghamlet offiza fuq il-persuna ta' l-istess gwardjana nisa tal-habs WCO. 15 Karen Gafa' kif ukoll WCO. 23 Vincienne Mangion, bhala persuna ta' wiehed inkarigat skond il-Ligi minn sevizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghahom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dana bi ksur ta' l-artiklu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

D. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fit-Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gewwa Rahal Gdid , ikkawzat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-gwardjana tal-Habs WCO. 15 Karen Gafa', kif iccertifikat minn Dr. Alessandra Portelli M.D. (Warrant Mediku Nru. 2180), it-tabib tac-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur ta' l-art. 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

E. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienet fit-Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin,

gewwa Rahal Gdid, ikkawzat ukoll griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-gwardjana tal-Habs WCO. 23 Vincienne Mangion, kif iccertifikat minn Dr. Alessandra Portelli M.D. (Warrant Mediku Nru. 2180), it-tabib tac-Centru ta-sahha ta' Rahal Gdid u dana bi ksur ta' l-art. 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdietx l-ordnijiet Legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallietx jew fixklet waqt li ufficcjal Pubbliku kien qed jaghmel id-dmirijiet taghha u dana bi ksur ta' l-artiklu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

G. Barra minn dan akkuzata ukoll talli fl-istess cirkustanzi, fl-istess Taqsima tad-Debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, gewwa Rahal Gdid, volontarjament kisret il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika, b'ghajjat u glied u dana bi ksur tal-artiklu, 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn hekk, akkuzata ukoll talli saret recidiva, b'diversi sentenzi li gew moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi, saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt.

Vicky Ebejer kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrrera LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-13 ta' Gunju 2005, kif ukoll mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi mit-13 ta' Gunju 2006.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 ta' Jannar, 2007 (esebit *a folio* 21 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tat-22 ta' Marzu, 2007 l-imputata iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz

taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala’ fl-20 ta’ Dicembru 2006 ghall-habta tal-10.15am fit-taqsima tad-debituri fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin waqt li kien qed isir strip search fuq l-imputata li kienet marret fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex izzur lir-ragel taghha li minnu kienet separata. Mill-provi rrizulta li waqt li WCO 15 Karen Gafa’ u WCO 23 Vincienne Mangion kienu qed jaghmlu strip search fuq l-imputata u dan wara li rcevew ordni f’dan is-sens minghand is-superjuri taghhom, fejn talbu lill-imputata tnehhi l-hwejjeg sabiex issir tfittxija fihom u fejn wahda mill-gwrdjani, WCO 15, kienet ser tibda tezamina il-lining fil-qalziet ta’ taht tal-imputata stante li nnutat tikka bajda taht l-istess lining, l-imputata pruvat tahtaf lura il-qalziet ta’ taht minn idejn WCO 15 u bdiet tissara maghha u meta ma rnexxilhiex tiehu lura il-qalziet ta’ taht hija gidmet idejn WCO15 sakemm din tal-ahhar telqat il-panty minn idejha u b’hekk l-imputata hadet dak li kien hemm taht il-lining tal-panty u belghatu. Dan kollu gie kkonfermat minn WCO 23 Vincienne Mangion li xehdet waqt l-udjenza tat-22 ta’ Marzu 2007 kif ukoll minn WCO 15 Karen Gafa’ li xehdet waqt l-udjenza tal-31 ta’ Mejju 2007. Dawn iz-zewg gwardjani t-tnejn qalu li l-imputata kienet aggressiva maghhom sakemm hadet il-panty lura u li hija kkagunatilhom griehi ta’ natura hafifa skond kif jirrizulta mic-certifikati medici nseriti a fol. 23 u 24 u li ghalhekk huma kellhom isejhu l-assistenza tal-Pulizija li mbaghad arrestaw lill-imputata u komplew bl-investigazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata fl-istqarrija li rrilaxxjat fl-20 ta’ Dicembru 2006 ikkonfermat li kellha l-incident mal-gwardjani u li hija

kienet gidmet id wahda mill-gwardjani izda qalet lli hija ghamlet hekk ghaliex kienet urtata peress li kull darba li keinet qed tmur izzur lil zewgha fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, bejn darba jew darbejn fil-gimgha, dejjem kienet qed isirilha strip search mill-gwardjani fejn huma kienu anki jfitxu fil-partijiet intimi taghha u hija kenet pjuttost urtata b'dan il-fatt. Fl-istqarrija hija ammettiet li kienet tiehu id-droga erojina. Hija izda cahdet li ma kinitx obdiet xi ordni moghtija mill-gwardjani. L-imputata ikkonfermat din il-verzjoni meta xehdet f'dawn il-proceduri izda ziedet ukoll li hija kellha problemi f'darha u li l-gwardjani bdew jghidulha sabiex titbaxxa aktar sabiex ikunu jistghu jezminawlha il-parti privata taghha u hija ma setghatx titbaxxa minhabba il-problemi f'darha.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputata qed tigi akkuzata bir-reat ta' vjolenza jew theddid kontra ufficjal pubbliku kontemplat fl-Artikolu 91 tal-Kodici Kriminali,, kif ukoll bir-reati ta' ngurji jew theddid kontra ufficjali publici jew offizi fuq il-persuna taghhom u attakk jew rezistenza kontra persuna nakrigata minn servizz publiku kontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-kodici Kriminali, kif ukoll li kkagunat griehi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' WCO 15 u WCO 23, li kisret il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, li ma obdietx ordni legittima moghtija lilha minn persuna nkarigta skond il-ligi u li hija recidiva.

Illi l-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-verzjoni korretta ta' kif graw l-affarijiet hija dik moghtija minn WCO 15 u WCO 23 anki ghaliex l-istess imputata in parti ikkonfermat da li qalu dawn iz-zewg gwardjani. L-imputata pruvat tiggustifika l-agir taghha billi tghid li hija hassitha urtata li kienet qed issirilha strip search kull darba li hija kienet qed tmur izzur lil zewgha fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Il-Qorti jidrilha li din ir-raguni moghtija mill-imputata ghall-attakk li hija ghamlet fuq iz-zewg gwardjani fejn ikkagunatilhom griehi ta' natura hafifa m'hijiex gustifikabbli ghaliex kif irrizulta mill-provi l-gwardjani kienu qed jaghmlu din l-istrip search fuq ordni tas-superjuri taghhom u tenut kont tal-precedenti tal-imputata li kienet fil-passat detenuta fl-istess Facilita'

Korrettiva ta' Kordin u tal-fatt li hija dak iz-zmien kienet 'ex admissis' taghmel uzu mid-droga u ghalhekk kwalunkwe suspett li hija setghat kellha xi sustanzi illeciti mohbijin fi hwejjigha sabiex tghaddihom lil terzi gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kienet gustifikata. Stabbilit dan il-punt l-Qorti jidrilha li l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat kontemplat fl-Artikolu 91 tal-Kodici Kriminali ghaliex l-agir tal-imputata kien intiz sabiex igieghel lill-ufficjali pubblici involuti ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga taghhom, u cioe' li jfitixulha fil-kwejjeg taghha sabiex jiddetrerminaw li ma kien hemm xejn illecitiu li kien ser jiddahhal fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Il-Qorti jidrilha li l-akkuzi mmarkati bhals B, C, D u E huma assorbiti fl-akkuza mmarkata bhala A, Fil-fehma tal-Qorti l-akkuza mmarkata bhala F ma tirrizultax pruvata sal-grad rikjest mill-ligi peress illi mill-provi ma jirrizultax b'mod car x'kienet l-ordni moghtija lill-imputata u li hija m'odietx. L-akkuzi ta' ksur ta' buon ordni l-addebitu tar-recidiva t-tnejn jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni stante li in kwantu jirrigwarda r-recidiva gew esebiti s-sentenzi in kwistjoni u saret id-debita prova tal-identita' u in kwantu jirrigwarda il-ksur tal-buon ordni din tirrizulta mix-xhieda taz-zewg gwardjani involuti u li saret referenza ghaliha aktar il-fuq.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata hija recidiva u jidrilha li l-forma ta' vjolenza adoperata mill-imputata kontra zewg ufficjali pubblici li kienu qed jaqdu id-dmir taghhom m'hijiex accettabbli f'socjeta civili u ghandha tinghata piena karcerarja effettiva. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet "Pulizjia vs Joseph Zahra' moghtija fid-9 ta' Settembru 2002 fejn intqal is-segwenti:-

*"Din il-Qorti, pero`, tara li apparti l-antecedenti penali tar-rikorrent – li juru karattru altament refrattarju u vjolenti – kull forma ta' vjolenza fuq il-persuna ghandha, bhala regola, iggib maghha piena restrittiva tal-liberta` tal-persuna b'effett immedjat. Socjeta` civili ma tistax tittollera l-prepotenza ta' min, ghax taqbizlu c-cinga, jew ghax jidhirlu li ghandu lment kontra haddiehor (anke jekk dak l-*

*ilment ikun fil-fatt gustifikat) jahbat ihebb jew isawwat lil dak il-haddiehor. F'dan il-kaz din il-Qorti ma tarax alternattiva ghal piena karcerarja."*

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 91, 95, 96(1)(a), 221, 338(dd), 17, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi mmarkati bhala A, B, C, D, E u G kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u tikkundannaha erba' (4) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-akkuza mmarkata bhala F u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------